**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Joseph Farrugia ta' 30 sena, bin Carmel u Carmela nee Said, imwieled Sliema fl-24 ta' Novembru 1968 u li jirresjedi fil-fond Nru. 22, Triq il-Madonna ta' Fatima, Nadur.**
**(I.D. Nru. 474468M)**

Illum 7 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 ta' Settembru 1995, ghall-habta ta' xi 9.15 a.m., fi Pjazza l-Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem, waqt li kien qed isuq Van Nru. O-6691, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Maria Zerafa, minn Ghajnsielem, skond ma ccertifika t-Tabib Dr. S. Mangion ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti hemm zewg elementi li l-aktar jimmeritaw attenzjoni u cioe` l-versjoni ta' l-imputat dwar l-incident u l-fatt illi l-kwerelanta ma tiftakar xejn minhabba li kawza tad-daqqa f'rasha tilfet il-memorja dwar l-incident kollu.

L-imputat jghid illi fil-perkors ta' triqtu kull ma jaf hu li sema' hoss fil-genb ta' quddiem tal-vettura tieghu u ra mara titgerbeb ma' l-art. Mill-process verbal jirrizulataw diversi aspetti u elementi prezentati u minn hawn il-Qorti tikkonkludi illi jekk il-vittma kellha l-obbligu li tesplora t-triq qabel taqsam, dak l-obbligu kien ukoll jinkombi lill-imputat specjalment meta kien gej minn liwja u ma kienx jaf x'ser isib malli jilwi. Il-fatt illi l-hsara fuq il-vettura ta' l-imputat hija propju fuq il-fanal ta' quddiem tal-lemin juri biss illi hu ma kienx qed izomm a 'proper look out' ghaliex hija kwazi impossibilita` li jghid li qatt ma ra lill-vittma, jew harget minn wara vettura ohra u li kienet hi li laqtet il-vann.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat ghandu jwiegeb ghal dan l-incident u ghalhekk issibu hati.

Rat l-artiklu 328 (c) tal-Kap 9.

Tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur